



EUROPEAN MEDICINES AGENCY
SCIENCE MEDICINES HEALTH

EMA/CVMP/189463/2007
EMA/V/C/000059

Eurican Herpes 205 (*antiġeni tal-virus tal-erpete tal-klieb (ir-razza F205)*)

Ħarsa ġenerali lejn Eurican Herpes 205 u r-raġuni għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

X'inhu Eurican Herpes 205 u għal xiex jintuża?

Eurican Herpes 205 huwa vaċċin veterinarju li jintuża biex jitlaqqmu klieb nisa għall-prevenzjoni ta' mortalità, sinjali kliniċi u leżjonijiet fil-ġriewi kkawżati minn infezzjonijiet tal-virus tal-erpete tal-klieb miksuba fl-ewwel ftit jiem ta' ħajja.

Eurican Herpes 205 fih is-sustanza attiva antiġeni tal-virus tal-erpete tal-klieb (ir-razza F205).

Kif jintuża Eurican Herpes 205?

Eurican Herpes 205 jiġi bħala trab u solvent li jsiru emulsjoni għal injezzjoni taħt il-ġilda. Dan jista' jinkiseb biss b'riċetta ta' tabib.

Eurican Herpes 205 jingħata bħala żewġ injezzjonijiet ta' 1-ml. L-ewwel injezzjoni tingħata jew meta l-kelba tkun sħuna jew 7 – 10 ijiem wara d-data tat-tgħammir. It-tieni injezzjoni tingħata bejn ġimgħa sa ġimagħtejn qabel id-data li mistennija twelled fiha. Il-kelba għandha terġa' titlaqqam bl-istess mod waqt kull tqala.

Għal aktar informazzjoni dwar l-użu ta' Eurican Herpes 205, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lill-veterinarju jew lill-ispiżjar tiegħek.

Kif jaħdem Eurican Herpes 205?

Eurican Herpes 205 fih ammonti żgħir ta' antiġeni tal-virus tal-erpete tal-klieb. Meta jiġi injettat, dan l-esponiment żgħir jgħin lis-sistema immunitarja tal-kelba biex tipproduċi antikorpi kontra l-virus tal-erpete tal-klieb u tinnewtralizzah. Ladarba jiġu mlaqqma, il-klieb nisa, permezz tal-ħalib tagħhom, jagħtu dawn l-antikorpi lill-ġriewi. Meta jiġu esposti għall-virus tal-erpete tal-klieb aktar tard f'ħajjithom, il-ġriewi jew ma jiġux infettati jew ikollhom infezzjoni ħafna inqas serja. Eurican Herpes 205 huwa maħsub biex jipproteġi lill-ġriewi minn din l-infezzjoni matul l-ewwel ftit jiem tal-ħajja.

Official address Domenico Scarlattilaan 6 • 1083 HS Amsterdam • The Netherlands

Address for visits and deliveries Refer to www.ema.europa.eu/how-to-find-us

Send us a question Go to www.ema.europa.eu/contact **Telephone** +31 (0)88 781 6000

An agency of the European Union



X'inhuma l-benefiċċji ta' Eurican Herpes 205 li ħarġu mill-istudji?

Eurican Herpes 205 ġie studjat fi tliet studji tal-laboratorju u f'żewġ provi fuq il-post. Fi prova waħda fuq il-post, ġie mkejje l-irrispons seroloġiku (produzzjoni ta' antikorpi). Fil-prova l-oħra, sar studju dwar l-effett tat-tilqima fuq il-ħila tal-klieb nisa li jnissu f'marqad tal-klieb infettat. L-ewwel studju tal-laboratorju ttestja d-doża meħtieġa biex tipprowdi protezzjoni. It-tieni studju sar biex juri l-protezzjoni tal-ġriewi minn klieb nisa mlaqqmin mill-virus tal-erpete tal-klieb. Hawnhekk Eurican Herpes 205 ġie mqabbel mal-ebda tilqima (kontrolli). L-aħħar wieħed wera li l-induzzjoni tal-antikorpi hija ekwivalenti meta l-klieb nisa jitlaqqmu fil-jum li jkunu sħan jew 7-10 ijiem wara t-tgħammir.

Eurican Herpes 205 wera protezzjoni tajba mill-virus tal-erpete tal-klieb. Fl-istudju biex tintwera l-protezzjoni tal-ġriewi (minn klieb nisa mlaqqmin) mill-virus tal-erpete tal-klieb, aktar minn 80 % tal-ġriewi mill-klieb nisa mlaqqmin baqgħu ħajjin.

X'inhuma r-riskji assoċjati ma' Eurican Herpes 205?

L-injezzjoni ta' Eurican Herpes 205 tista' tikkawża edema temporanja (fluwidu taħt il-ġilda) fis-sit tal-injezzjoni f'sa 10 % tal-annimali. Dan l-effett sekondarju normalment jitlaq fi żmien ġimgħa. F'każijiet rari, jistgħu jseħħu reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva (allerġiċi), li jeħtieġu trattament.

Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u r-restrizzjonijiet ta' Eurican Herpes 205, ara l-fuljett ta' tagħrif.

X'inhuma l-prekawzzjonijiet li jridu jittieħdu mill-persuna li tagħti l-mediċina jew li tiġi f'kuntatt mal-annimal?

Eurican Herpes 205 fih żejt minerali. Injezzjoni aċċidentali tista' tikkawża wġiġħ u nefħa severi, b'mod partikolari jekk l-injezzjoni ssir f'gog jew f'saba' – li f'każijiet rari tikkawża t-telf ta' saba'. Jekk xi ħadd jiġi injettat b'mod aċċidentali b'dan il-prodott, dan għandu jfittex parir mediku immedjat anki jekk jiġi injettat biss ammont żgħir ħafna. Il-fuljett ta' tagħrif għandu jittieħed għand it-tabib. Jekk l-uġiġħ jippersisti għal aktar minn 12-il siegħa wara l-eżami mediku, it-tabib għandu jerġa' jiġi kkuntattjat.

Għalfejn Eurican Herpes 205 huwa awtorizzat fl-UE?

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ddeċidiet li l-benefiċċji ta' Eurican Herpes 205 huma akbar mir-riskji tiegħu u rrakkomandat li jkun awtorizzat għall-użu fl-UE.

Informazzjoni oħra dwar Eurican Herpes 205

Eurican Herpes 205 ingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-UE kollha fis-26 ta' Marzu 2001.

Aktar informazzjoni dwar Eurican Herpes 205 tinstab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija: ema.europa.eu/en/medicines/veterinary/EPAR/eurican-herpes-205

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar fi 03-2020.